**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 96/2013 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

**A. Dikjarazzjoni tal-Fatti**

i. Illi l-kontendenti f'din il-kawza ghamlu perjodu ta' zmien jiffrekwentaw lil xulxin u minn din ir-relazzjoni twieled E fil-5 ta' Frar 2006;

ii. Illi eventwalment l-esponenti pproceda bir-rikonoxximent formali tal-minuri E B D bhala ibnu u dana permezz ta' kuntratt pubbliku datat 21 ta' Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Christine Abela,

liema kuntratt rregola wkoll il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-hinijiet tal-access, u l-manteniment pagabbli fost affarijiet ohra kif jirrizulta mill-istess kuntratt, kopja ta' liem hija hawn annessa u markata Dokument "A";

iii. illi aktar 'il quddiem minn din il-relazzjoni il-kontendenti f'din il-kawza kellhom wild iehor li twieldet fis-17 ta' Settembru 2010 u li semmewha F B D u dwar l-istess wild il-kontendenti ghadhom ma rregolawx formalment l-obbligi u d-drittijiet taghhom bhala l-genituri taghha;

iv. illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ntemmet u jghixu hajja separata minn xulxin filwaqt illi z-zewg minuri fil-prezent jghixu flimkien ma' ommhom l-intimata fir-residenza taghha;

v. illi l-esponenti mhuwiex f'posizzjoni finanzjarja li ragjonevolment ilahhaq mal-aspettativi tal-intimata kemm ghal dak li diga gie regolat bil-kuntratt fuq imsemmi ghar-rigward tal-minuri E u kemm ghal dak li ghadu jrid jigi regolat ghar-rigward tal-minuri F;

vi. Illi filwaqt illi l-esponenti kien f'posizzjoni finanzjarja, meta gharaf lil ibnu E bil-kuntratt precitat, li jikkontribwixxi ghall-manteniment u anke jhallas nofs it-tariffa tal-iskola privata, mat-twelid tat-tieni wild taghhom F, l-esponenti m'ghadux aktar f'posizzjoni li jlahhaq mal-ispejjez taz-zewg ulied u rtira l-kunsens tieghu li l-minuri E jibqa' jattendi skola privata, tenut kont anke l-fatt li l-intimata tippretendi li ulied il-kontendenti jattendu skola privata anke minkejja t-twelid tat-tieni wild, u mhijiex disposta li taccetta li l-minuri jibdew minflok jattendu skola tal-Knisja jew skola tal-Gvern, decizjoni li fir-rigward tal-minuri F hadet unilateralment minghajr l-kunsens tal-esponenti;

vii. illi maghdud ma' dan, ic-cirkostanzi tbiddlu wkoll fis-sens li l-intimata llum bdiet tahdem;

viii. illi l-esponenti jixtieq li tigi regolata kemm il-kura u l-kustodja tal-minuri F fis-sens li tigi fdata konguntivament bejn il-kontendenti sabiex l-esponenti jkollu dritt jippartecipa ugwalment mal-intimata fil-hajja tal-minuri binthom kif ukoll

decizjonijiet dwar sahha, edukazzjoni, u safar tal-minuri jittiehdu konguntivament miz-zewg partijiet, jew f'nuqqas ta' qbil bl-intervent tal-qorti;

ix. Illi fir-rigward tal-modalita tal-access, din l-Onorabbli Qorti kienet diga stabbilit l-istess permezz ta' digriet pendente lite moghti minnha fit-28 ta' Marzu 2012 kopja legali ta' liem qed tigi hawn anness u markata Dokument "B";

x. illi l-esponenti pprova inutilment, anke fil-proceduri ta' medjazzjoni, sabiex jintahaq ftehiim dwar kontribuzzjoni aktar ragjonevoli li tkun tirrifletti l-qaghda attwali;

xi. illi l-esponenti ottjena d-debita awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi ghall-istanza odjerna permezz ta' digriet moghti fit-18 ta' Marzu 2013 kopja legali ta' liem qed tigi hawn annessa u markata Dokument "C";

xii. illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

**B. Talbiet**

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja :

1. Tiddikjara u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri F B D konguntivament bejn il-kontendenti genituri tal-istess minuri sabiex il-genituri jippartecipaw ugwalment fil-hajja tal-minuri binthom u decizjonijiet dwar sahha, edukazzjoni, u safar tal-minuri jittiehdu konguntivament miz-zewg partijiet, jew f'nuqqas ta' qbil bl-intervent tal-qorti;
2. Tistabilixxi l-modalita tal-access tal-esponenti ghar-rigward tal-minuri bintu F B D kif diga stabbilita pendente lite permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Marzu 2012 li jsegwi l-modalita tal-access li l-esponenti ghandu ghal minuri ibnu E B D stabbilita fil-kuntratt pubbliku datat 21 ta' Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Christine Abela;
3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti mhuwiex f'posizzjoni finanzjarja li jaghti kontribuzzjoni finanzjarja ghall-

attendenza tal-minuri E u F ulied il-kontendenti fi skola privata;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti rtira l-kunsens tieghu li l-minuri E B D jibqa jattendi skola privata fit-termini tal-klawsola erba' (4) tal-kuntratt precitat u ma tax il-kunsens tieghu ghall-attendenza tal-minuri F B D sabiex din tibda tattendi skola privata;
5. Konsegwentement tordna varjazzjoni fil-klawsola erba' (4) tal-kuntratt fuq citat fis-sens li l-esponenti ma jkunx obbligat jikkontribwixxi nofs it-tariffa tal-iskola privata tal-minuri E B D, u kull spiza relattiva ghall-edukazzjoni fi skola privata tal-minuri E u F ahwa B D issir responsabilita esklussiva tal-intimata;
6. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni relattiv ghall-kuntratt tal-21 ta' Lulju 2010, skond kif jigi deciz minn din l-Onorabbli Qorti in virtu' tat-talbiet precedenti u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci; u tappunta data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi l-intimata ma ssib l-ebda oggezzjoni ghall-ewwel u t-tieni talba stante illi dak mitlub da parti tar-rikorrenti, bhala fatt, ilu zmien fis-sehh u jigi attwat bi ftehim bejn il-partijiet.

2. Illi ghar-rigward it-tielet talba mhuwiex minnu illi l-posizzjoni finanzjarja hija tali li ma tippermettilux jikkontribwixxi ghall-edukazzjoni ta' wliedu fi skola privata.

3. Illi l-intimat ma jistax konvenjentement jregga' lura mill-obbligi kuntrattwali illi assuma permezz tal-kuntratt tal-21

ta’ Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Christine Abela, (anqas minn tlett snin ilu) semplicement ghax twieldet il-minuri F B D u qed jsibha aktar bi tqila jmanti u jeduka lill-uliedu. Is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu tjiebet stante illi mill-impjieg tieghu issa ghandu introjtu akbar; ghall-kuntrarju ta’ dak li qed jigi allegat.

4. Illi l-kuntratt tal-21 ta’ Lulju 2010 jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet u jirregola l-obbligi u d-drittijiet bejniethom u fil-konfront ta’ xulxin, u kwindi ma jistax jinbidel: *pacta sunt servanda.*

5. Illi lanqas ma hija skuza valida u accettabbli illi l-attur ma jikkontribwixxi xejn ghall-edukazzjoni ta’ bintu semplicement ghaliex mhux komdu u qed jirrifjuta li jhallas nofs l-ispejjes relativi ghall-edukazzjoni taghha fi iskola privata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Greta Mifsud Agius;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet**

Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet, twieled il-minuri E fil-5 ta' Frar 2006. Permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela iddatat il-21 ta' Lulju 2010[1], l-attur irrikonoxxa lil E bħala ibnu, u l-partijiet irregolaw ukoll il-kwistjonijiet tal-kura u l-kustodja, l-ħinijiet tal-aċċess u l-manteniment pagabbli għall-minuri E. Illi fis-17 ta' Settembru 2010, il-partijiet kellhom wild ieħor, il-minuri F, li dwarha għadhom ma rregolawx formalment l-obbligi u d-drittijiet tagħhom bħala ġenituri;

Il-minuri jgħixu fir-residenza tal-intimata;

L-attur jallega illi huwa m'huwiex f'pożizzjoni finanzjarja illi jkompli jħallas dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet relattiv għal E u lanqas jista' jilħaq l-aspettattivi tal-konvenuta fir-rigward ta' binthom F li unilateralment kitbitha fi skola privata; Inoltre l-affarijiet inbiddlu minn meta laħqu l-ftehim il-partijiet, għaliex oltre illi l-partijiet kellhom wild ieħor, il-konvenuta bdiet taħdem;

Dwar il-minuri **E**, in suċċint il-partijiet ftiehmu s-segwenti:

1. Il-kura u l-kustodja tiegħu ġiet fdata lil omm; Kull deċiżjoni ta' importanza li tolqot l-edukazzjoni, is-saħħa u t-trobbija tal-minuri tittieħed bejn il-ġenituri flimkien;
2. Il-missier ikollu aċċess kull nhar ta' Tlieta u Ħamis mill-4.30pm sat-8.30pm u b'mod altenattiv fi tmiem il-ġimgħa jew mill-Ġimgħa fl-4.00pm sas-Sibt fl-4.00pm, jew mis-Sibt fl-4.00pm sal-Ħadd fl-4.00pm.
3. Il-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta għall-minuri E ikun ta' €150 fix-xahar li jiżdied perjodikament skont l-għoli tal-ħajja;
4. Il-minuri jattendi skola privata għajr ftehim ieħor bi qbil bejn il-partijiet;
5. L-ispejjeż relatati mal-edukazzjoni, spejjeż mediċi u spejjeż għall-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri jitħallsu f'ishma ndaqs bejn il-partijiet.

---

[1] Kopja tiegħu tinsab esebita fol. 6

Dwar il-minuri F, permezz ta' digriet tal-Qorti tat-**28 ta' Marzu 2012**[2], il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur għall-aċċess versu bintu kull nhar ta' Tlieta u Ħamis mill-4.30pm sat-8.30pm u b'mod alternattiv fi tmiem il-ġimgħa jew mill-Ġimgħa fl-4.00pm sas-Sibt fl-4.00pm, jew mis-Sibt fl-4.00pm sal-Ħadd fl-4.00pm.

Illi dwar it-talbiet tal-attur relattivi għall-kura u l-kustodja u l-aċċess ta' F jidher illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. Għalhekk, stante l-qbil bejn il-partijiet, il-Qorti sejra tgħaddi biex takkolji l-ewwel żewġ talbiet tal-attur.

Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet jirrigwardaw l-aspett finanzjarju tat-trobbija tal-minuri. Il-konvenuta tikkontendi li mhux minnu li l-pożizzjoni finanzjarja tal-attur hija tali li ma jistax jikkontribwixxi għall-edukazzjoni ta' wliedu fi skola privata. Tikkontendi wkoll li għab-bażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda,* l-attur ma jistax imur lura mill-obbligi kuntrattwali li assuma.

Inoltre, il-Qorti tirrileva illi minkejja li m'hemm l-ebda provvediment viġenti dwar il-manteniment ta' F, u hemm biss ftehim informali bejn il-partijiet, hija ma ġietx mitluba sabiex tirregola dan il-manteniment stante li lanqas il-konvenuta ma ressqet xi kontro-talba f'dan is-sens. Illi huwa prinċipju fundamentali li l-Qorti hija obbligata taderixxi mal-parametri stabbiliti mit-talbiet u ma tistax tiddeċiedi extra petita.

## Provi Prodotti

In vista li l-kwistjonijiet bejn il-partijiet jirrigwardaw l-aspett finanzjarju tat-trobbija tal-minuri, il-Qorti sejra tillimita ruħha prinċiparjament għall-provi dwar il-finanzi rispettivi tal-partijiet u l-ħtiġijiet tal-ulied.

L-**attur** jispjega[3] illi l-konvenuta riedet tibgħat lil E l-iskola ta' San Anton għaliex kienet tħoss li dik l-aħjar skola anke peress li hija kienet tmur hemmhekk. Sehmu għall-iskola tat-tifel huwa ta'

[2] Kopja tiegħu tinsab esebita fol. 10
[3] Affidavit fol. 26

€170 fix-xahar li tibqa' tiżdied kull sena oltre l-uniformijiet u stationery. Huwa jħallas ukoll €300 manteniment fix-xahar għaż-żewġt'itfal.[4] Jgħid illi filwaqt li huwa jagħmel sagrifiċċji kbar biex ilaħħaq ma' dawn l-ispejjeż, il-konvenuta ssiefer tlieta jew erba' darbiet fis-sena u għamlet tattoo. Il-konvenuta minn jeddha ddeċidiet illi tibgħat anke lill-minuri F fl-iskola ta' San Anton. Isostni li huwa ma jistax jagħti iktar flus ill-konvenuta, mhux għax ma jixtieqx, iżda għax ma jaffordjax. Mill-paga tiegħu ta' €985 fix-xahar, meta tnaqqas l-ammont li jħallas għal uliedu, ftit jibqagħlu f'idejh u xi drabi jkollu jfittex l-għajnuna ta' missieru biex iħallas ċertu spejjeż kbar bħalma huma l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura tiegħu. Huwa jsostni li l-konvenuta għandha tifhem il-limitazzjonijiet tiegħu f'dak li jista' jħallas. Iħoss li hemm lok ta' reviżjoni tal-kuntratt relattiv għal E in vista li llum il-partijiet għandhom żewġ ulied. Huwa rtira l-kunsens tiegħu li E imur fi skola privata iżda huwa tal-fehma li uliedhom għandhom jattendu skola privata jew tal-knisja.

Jirriżulta li f'Lulju 2013, l-attur qala' introjtu nett ta' €959.41[5] mill-impjieg tiegħu ma' Thomas Smith & Co. Ltd[6]. Mill-payslips tiegħu[7] jirriżulta illi huwa kien jaqla' medja ta' €1000 netti fix-xahar.

Sussegwentement, mill-impjieg tiegħu ma' Europe Entertainment Limited, huwa pperċepixxa €1460.46[8] nett fix-xahar ta' Jannar 2017[9]. Mal-istess kumpanija, fl-2016 huwa

---

[4] Dan kollu mhuwiex ikkontestat mill-konvenuta, u fi kwalukwe każ l-attur esebixxa cheque images tal-pagamenti kollha li jagħmel, fol. 280 et seq.

[5] Minn gross ta' €1,166.67 naqqas €216 taxxa u €202.80 kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali;

[6] Payslip esebit dok. KF1, fol. 30;

[7] Esebiti fol. 346 et seq.

[8] Minn gross ta' €1,879.26 naqqas €68.00 taxxa u €134.60 kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali;

[9] Payslip esebita fol. 489

qala' medja ta' €1676.94 nett kull xahar.[10] Mal-istess kumpanija, fl-2017 huwa qala' medja ta' €1636.89 nett kull xahar.[11]

Mix-xiehda mogħtija mir-rappreżentanti tal-banek[12], jirriżulta illi ħadd mill-partijiet m'għandu xi tfaddil sinifikanti. Jirriżulta wkoll mir-riċerki illi saru fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta[13], illi l-attur m'għandu l-ebda propjeta`u l-ebda piżijiet.

Jirriżulta mid-dokument HSBC2[14] illi fl-2011, il-konvenuta kienet tirċievi salarju fl-inċirka ta' €300 mingħand Azure Services Limited u fl-inċirka ta' €350 oħra mingħand R.M. Design Ltd.

Fl-2013, bejn it-3 ta' Ġunju u t-8 ta' Novembru 2013, hija ġiet ingaġġata mal-kumpanija Betway Limited bħala Administrative Assistant b'salarju ta' €1820 fix-xahar[15]. Dan il-kuntratt ġie estiż sad-9 ta' Mejju 2014, iżda b'erbatax-il siegħa ħidma fil-ġimgħa biss. F'Jannar 2014, minn dan l-impjieg hija qalgħet €669.80 nett.[16] Mal-istess kumpanija, fl-2016 hija qalgħet medja ta' €2,221.93 nett kull xahar.[17] Mal-istess kumpanija, fl-2017 hija qalgħet medja ta' €2,087.25 nett kull xahar.[18]

---

[10] Mill-FS4 esebita fol. 492. Minn gross ta' €25,514 naqqas €3329 taxxa u €2061.78 kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali, jifdal €20123.22 għal tnax-il xahar. €20,123.2 2 ÷12 = €1,676.94;

[11] Mill-FS4 esebita fol. 498. Minn gross ta' €6121 naqqas €768 taxxa u €527.28 kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali, jifdal €4825.72 għal tliet xhur. €20,123.22 ÷ 3 = €1,608.57. Medja wkoll minn April 2017 sa Settembru 2017 skond il-payslips esebiti fol. 517 et seq.

[12] **Audrey Ghigo** għall-HSBC Bank Malta p.l.c. xehdet fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2013, u esebiet l-istatements tal-partijiet fol. 40 et seq; **Joseph Fenech** għall-Banif Bank xehed fis-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015, fol. 408

[13] Riċerka Liabilities u Transfers minn 01/01/2000 sa 11/11/2014, fol. 412;

[14] Fol. 92 et seq.

[15] Kuntratt tal-impjieg esebit fol. 386;

[16] Payslip esebita minn **Fiona Valenzia**, Human Resources Manager, fis-seduta miżmuma mill- Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fil-31 ta' Jannar 2014. Fol. 384

[17] Mill-FS4 esebita fol. 505. Minn gross ta' €33,295.78 naqqas €4419 taxxa u €2213.64 kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali, jifdal €26,663.14 għal tnax-il xahar. €26,663,14 ÷ 12 = €2,221.93.

[18] Medja meħuda fuq payslips għal għaxar xhur minn Jannar 2017 sa Ottubru 2017 esebiti fol. 506 et. seq

Il-miżati tal-iskola San Anton għas-sena 2013/2014 kull term kienu s-segwenti[19]:

| | |
|---|---|
| Day Care | €529 |
| Nursery u Grade 1 | €690 |
| Grade 2 sa Grade 3 | €854 |
| Grade 4 sa Grade 7 | €1046 |
| Grade 8 sa Grade 12 | €1416 |

Filwaqt illi l-miżati għat-trasport kull term għall-stess sena skolastika kienu:

| | |
|---|---|
| Nursery u Grade 1 Two-Way | €187 |
| Nursery u Grade 1 One-Way | €142 |
| Junior School Two-Way | €203 |
| Junior School One-Way | €144 |
| Senior School Two-Way | €158 |
| Senior School One-Way | €128 |

Il-miżati tal-iskola San Anton għas-sena 2014/2015 kull term kienu s-segwenti[20]:

| | |
|---|---|
| Day Care | €2 fis-siegħa |
| Nursery u Grade 1 | €714 |
| Grade 2 sa Grade 3 | €884 |
| Grade 4 sa Grade 7 | €1083 |
| Grade 8 sa Grade 12 | €1466 |

Filwaqt illi l-miżati għat-trasport kull term għall-stess sena skolastika kienu:

| | |
|---|---|
| Nursery u Grade 1 | €193 |
| Junior School | €209 |
| Senior School | €168 |

Il-**konvenuta** xehdet[21] illi d-deċiżjoni li l-minuri E jattendi l-iskola ta' San Anton ittieħdet mill-partijiet flimkien wara li kienu marru jaraw numru ta' skejjel privati. Kienu konsapevoli mill-miżati tal-istess skola iżda ddeċidew illi riedu l-aħjar possibbli għalih. Meta twieldet F, l-attur ma riedx illi jiddiskuti il-materja tal-iskola

[19] Dawna jirriżultaw mill-email mibgħuta minn Marionne Zammit lill-attur esebita fol. 363;

[20] Dawna jirriżultaw mid-dokument X, fol. 404

[21] Affidavit fol. 441

tagħha. Illi hija xtaqet illi bintha tieħu l-istess edukazzjoni bħal binha. Ħasset illi jkun ta' vantaġġ li l-aħwa jmorru fl-istess skola minħabba t-trasport u biex ma jkunx hemm kunflitti fil-ħinijet. Għalhekk meta wasal iż-żmien hija qabdet u rreġistrat lil-tifla San Anton. Tirrikonoxxi li din id-deċizjoni ħaditha weħidha u *"għalhekk fil-konfront ta' F ma nippretendix li jaqsam l-ischool fee miegħi. Dak inħallsu jien waħdi. Pero` mil-lat ta' spejjeż oħra edukattivi bħal uniformijiet, stationery u transport, irrispettivament mill-iskola illi t-tifla tattendi, dawn ma tantx ivarjaw bħala ammonti. Mhux sew illi lanqas ma jagħti sehmu għal dawn. Qed juża l-iskuża tal-miżati, meta jien minix nitlob li jħallashom."*

Il-konvenuta ssostni li l-attur kien qiegħed jaqla' iktar billi huwa wkoll beda jaħdem fil-gaming. Inoltre huwa jagħmel xogħol ta' DJ fuq medja ta' darba fi-ġimgħa[22]. Ġieli jdoqq ukoll fit-tiġijiet. Iżżid li huwa jgħix mal-ġenituri tiegħu u allura m'għandux spejjeż għall-għixien tiegħu. Isiefer tal-inqas darbtejn fis-sena, joħroġ jiekol regolarment u jixtri ħwejjeġ iffirmati. Il-konvenuta ippreżentat prospett[23] tal-infiq tagħha għall-minuri.

## Prinċipji Legali

Illi din il-kawża tqanqal diversi prinċipji legali għall-analiżi ta' din il-Qorti.

L-ewwel minnhom huwa l-applikazzjoni tal-prinċipju legali *pacta sunt servanda* għall-każ odjern. Issir referenza għall-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: "(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***. (2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

[22] Hija esebiet diversi posters fejn idoqq l-attur.
[23] Fol. 458

Ai termini tal-istess Artikolu, qed issir referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et[24] fejn ġie ritenut li "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda*";

- Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino **[25]** u Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe[26] fejn ġie ritenut li "*strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-liġi tenfasizza l-kunċett illi dak il-kuntratt ma jistax jiġi riżolut, in linea ta' prinċipju, bis-sempliċi volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi*".

Minn dana jirriżulta illi l-kuntratti jistgħu jiġu mħassra biss jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, li fil-każ odjern ma jirriżultax, jew inkella għal raġunijiet magħrufin fil-liġi.

Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili[27] tagħna, illi fis-sub-inċiż 9 jistipula:

> *(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.*

---

[24] deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2002, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili
[25] deċiża nhar il-11 ta' Novembru 1997, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[26] deċiża nhar it-8 ta' Jannar 2010, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[27] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Illi l-għoti tal-manteniment bejn il-konjuġi huwa dejjem suġġett għall-mezzi u l-bżonnijiet taż-żewġ partijiet u dan skont kif jistipula l-Artikolu 3 tal-Kodiċi illi jgħid:

> ***3.*** *Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

Illi għalhekk jirriżulta, illi bis-saħħa tas-sub-inċiż preċitat, teżisti raġuni magħrufa fil-liġi għall-varjazzjoni ta' klawżola kuntrattwali li tirregola l-manteniment bejn il-miżżewġin u din ir-raġuni hi "tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment."

Illi minkejja li dak li jkun miftiehem bejn il-partijiet għandu forza ta' liġi u ma jinbidilx daqstant faċilment, il-liġi tipprovdi għal ċirkostanzi bħal din odjerna, fejn parti tħoss li hemm lok għat-tnaqqis tal-manteniment minnu mħallas, u dana permezz tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula: ***"21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ."***

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa'

bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern

L-attur jitlob illi l-Qorti tordna modifika fil-kuntratt li jirregola l-manteniment tal-minuri E preċiżament f'dak illi jirrigwarda l-miżata tal-iskola li jattendi l-istess minuri. Biex il-Qorti jkollha l-fakolta` li tagħmel dan mingħajr ma tikser il-prinċipji sagrosant ta' *pacta sunt servanda*, jeħtieġ lill-attur li jipprova illi l-kien hemm tibdil sostanzjali fil-mezzi tiegħu, tant li t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni tiegħu għal-edukazzjoni ta' ibnu ikun ġustifikat.

Il-Qorti hija tal-fehma li meta l-partijiet laħqu l-ftehim bejniethom, it-tnejn kienu konxji mill-ispiża sostanzjali nvoluta sabiex binhom jintbagħat fi skola privata. Illi huma liberament u konxjetement resqu għal dan il-kuntratt bejniethom. Fl-istess kuntratt, senjatament fil-klawżola numru 4, huma stipulaw kjarament illi l-minuri għandu jintbagħat fi skola privata li l-ispejjeż tagħha jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. ***"Inoltre l-partijiet jobbligaw ruħhom li jħallsu f'sehem indaqs bejniethom it-tariffa tal-iskola privata sakemm il-minuri jibqa' jattendi skola privata. Il-kontendenti jaqblu illi l-minuri jibqa' jattendi skola privata, salv ftehim għall-kuntrarju bi qbil taż-żewġ partijiet."*** Dan il-ftehim kien milħuq fl-2010 meta l-introjtu medju tal-attur kien ċirka elf ewro kull xahar.

Preżentement l-attur jaqla' oltre elf u sitt mitt Ewro fix-xahar u għalhekk għandu introjtu ferm aħjar minn meta laħaq il-ftehim mal-konvenuta. Huwa għandu wkoll introjtu regolari mix-xogħol ta' DJ, allegazzjoni li huwa ma nnegax. Illi għaldaqstant filwaqt li huwa minnu li kien hemm tibdil fil-mezzi tal-attur, dan kien tibdil pożittiv fis-sens illi l-introjtu tiegħu żdied sostanzjalment u mhux naqas.

Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni valida, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, sabiex il-Qorti taċċetta illi l-attur ma jibqax iħallas sehmu

mill-miżata tal-iskola tat-tifel skont il-ftehim iċċitat. Id-dikjarazzjoni tiegħu li huwa qiegħed jirtira l-kunsens tiegħu biex ibnu jattendi fi skola privata ma tiswa xejn għaliex sabiex il-minuri jinħareġ mill-iskola, kjarament huwa meħtieġ il-kunsens taż-żewġ partijiet. Huwa evidenti li l-omm ma taqbilx ma' din il-proposta u meta l-introjtu tagħha kien ferm iktar baxx, hija pperseverat li tagħti lil binha dak li taħseb hija l-aħjar edukazzjoni u kienet disposta saħansitra tieħu overdraft biex tlaħħaq mal-miżati.[28]

Illi dwar F, is-sitwazzjoni hija differenti fis-sens illi l-attur mill-bidu nett iddikjara li ma jaqbilx li bintu tattendi l-istess skola privata u dan għaliex hu ma jiflaħx iħallas sehmu mill-miżata tal-istess skola. Minkejja dan, il-konvenuta unilateralment iddeċidiet li bintha għandha wkoll tattendi l-istess skola bħal ħuha biex b'hekk it-tnejn jieħdu l-istess edukazzjoni. Fl-affidavit tagħha hija kkonfermat illi ladarba kienet id-deċiżjoni unilaterali tagħha li tibgħat lil F fl-iskola ta' San Anton, lesta li tkun weħidha responsabbli għall-miżata tagħha. Madankollu hija ġustament tippretendi li l-attur jaqsam magħha l-ispejjeż għall-uniformi, kotba, stationery u trasport relattivi mal-istess skola. Dwar dawn, il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-ispejjeż kienu xorta waħda ser jiġu inkorsi kieku l-minuri intbagħtet fi skola tal-Knisja kif xtaq l-attur. Illi għalhekk m'huwiex ġust min-naħa tal-attur li jippretendi li l-konvenuta weħidha tagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż. Illi l-introjtu tiegħu preżentement huwa tali li jippermettilu li jaqsam dawn l-ispejjeż mal-konvenuta u b'hekk jikkontribwixxi nofshom.

## Deċide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Bi qbil bejn il-partijiet, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-kura u l-kustodja tal-minuri F B D tibqa' waħda konġunta bejn il-kontendenti ġenituri tal-istess minuri sabiex il-

[28] Ara dok. BANIF1, fol. 417;

ġenituri jipparteċipaw ugwalment fil-ħajja tal-minuri binthom u deċiżjonijiet dwar saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri jittieħdu konġuntivament miż-żewġ partijiet, jew fin-nuqqas ta’ qbil bl-intervent tal-Qorti;

2. Bi qbil bejn il-partijiet, tilqa’ t-tieni talba u tordna illi l-attur ikollu aċċess favur bintu F B D, bl-istess modalita` t’aċċess li l-attur għandu favur ibnu E B D stabbilit fil-kuntratt pubbliku bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dottor Christine Abela tal-21 ta’ Lulju 2010, u għaldaqstant id-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Marzu 2012 qiegħed jiġi kkonfermat;

3. Tiċħad it-tielet talba attriċi billi ma taqbilx illi l-attur mhux f’pożizzjoni finanzjarja li jagħti kontribuzzjoni finanzjarja għall-attendenza tal-minuri E u F ulied il-kontendenti fi skola privata;

4. Tiċħad limitatament ir-raba’ talba tal-attur billi tiċħadha inkwantu li l-attur jippretendi li jista’ ġustament jirtira l-kunsens tiegħu li l-minuri E jibqa’ jattendi skola privata, iżda tilqagħha inkwantu l-Qorti tiddikjara li l-attur ma tax il-kunsens tiegħu sabiex il-minuri F tibda tattendi din l-istess skola privata;

5. Tiċħad il-ħames talba tal-attur in kwantu dina tordna varjazzjoni fil-klawżola erba’(4) tal-kuntratt fuq ċitat u filwaqt li żżomm ferma l-istess klawżola, tordna illi

   a. Rigward il-minuri E l-attur jibqa’ obbligat illi jħallas nofs il-miżata tal-iskola privata li jattendi E u jħallas ukoll nofs l-ispejjeż tal-kotba, stationery, uniformi u trasport relatati mal-iskola.
   b. Rigward il-minuri F, il-konvenuta tkun weħidha responsabbli għall-miżata tal-iskola privata li tattendi

F, iżda l-attur huwa obbligat li jħallas nofs l-ispejjeż tal-kotba, stationery, uniformi u trasport relatati mal-iskola ta’ F.

6. Tiċħad is-sitt talba attriċi.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati għall-kwart mill-konvenuta u tliet kwarti mill-attur.